**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri**
**Spettur Elton Taliana)**

**vs**
**Omissis**
**Nikolai Abela**
**Omissis**

**Kumpilazzjoni 228/2019**

**Illum 18 ta' Lulju 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Omissis** detentur tal-karta tal-identità 158302(L), **Nikolai Abela** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 603399(M) u **Omissis** detentur tal-karta tal-identiuta bin-numru 191799(M) billi huwa akkuzati talli :

1. Fl-1 t'April 2019 ghall-habta tal-12:15 hrs, gewwa Sqaq li jinsab kantuniera ma Triq Angla Birkirkara ikkommettew serq ta' basket minn fuq il-persuna ta Angela Muscat ta' 64 sena li hija persuna

anzjana liema serq huwa aggravat bil-vjolenza numerika Artikoli 257D(1)(b), 261(a), 262(b), 276 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Nikolai Abela akkuzat ukoll talli :

1. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 tal-Artikolu 7 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D datata 17 ta' Ottubru 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel : Artikoli 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigruta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-25 ta' April 2019 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss

wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Martin Fenech li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi l-Qorti laqghet it-talba biex jithejja Pre-Sentencing Report qabel tinghata s-sentenza, liema talba ntlaqghet fejn dan ir-rapport kien ipprezentat mill-Probation Officer Larisa Mirela Bonello (*a fol* 41 et. seq.) fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2019.

Semghet trattazzjoni finali orali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza fejn kien hemm qbil dwar il-parametri li ghandha timxi maghhom il-Qorti meta taghti s-sentenza.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**KONSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu*

*importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*

*[...]*

*Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[2] dik il-Qorti qalet hekk:

*Huwa car...., li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess)*

[1] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-Gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghall-periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti fid-decizjoni taghha ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li fis-sottomissjoni finali l-prosekuzzjoni qablet li l-imputat ikun trattat skont dak li jipprovdi l-**Att tal-Probation** (Kap 446).

**Il-Qorti mhix hawn biex tissodisfa l-ghajta ta' dawk li ghal kull reat li jsir f'pajjizna johorgu b'hangra jghajjtu "sallbu, sallbu". Kieku l-Qrati taghna jcedu ghal xi forma ta' pressjoni nkluz tal-pubbliku jkunu qeghdin jaghmlu ingustizzja flok gustizzja. Kieku l-Qrati taghna jcedu ghall-pressjoni, kieku jkollna kwantita kbira ta' Barabbas fit-toroq taghna. Il-Qorti fil-waqt li tibbaza d-decizjonijiet taghha fuq dak li tipprovdi l-ligi, u tara li timxi mal-parametri dwar il-pieni li tipprovdi l-ligi, tara li tuza ukoll l-ghodod kollha li jipprovdielha l-legislatur biex persuna kemm jista' jkun tinghata direzzjoni f'hajjitha u tirritorna lura hielsa minn kull madmad fis-socjeta'.**

**L-imputat gharaf li zbalja, iddispjacieh u llum jinsab fit-triq t-tajba.**

**F'dan il-kaz il-Qorti rat progress enormi fl-imgieba tal-imputat fejn il-Probation Officer li segwitu rrapurtat progress fejn tidhol imgieba u anke attegjament mal-qraba tieghu u kull meta sarulu testijiet dawn dejjem irrizultaw negattivi ghall-abbuz tad-droga.**

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 257D(1)(b), 261(a), 262(b), 276, 383, 384 , 385, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

U b'applikazzjoni tal-proviso ta' artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ser tpoggi lill-imputat taht ordni ta' Probation ghall-perjodu ta'

sentejn (2) millum bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u/jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza u tal-Ordni ta' Probation tigi moghtija minnufih lill-imputat u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat skond id-direttivi tal-istess ordnijiet.

*In oltre* din il-Qorti titlob lil-uffiċjal tal-Probation assenjat li għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali fil-perjodu li tipprovdi l-ligi.

___________________________

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**